**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 28 ta' Gunju, 2016

Rikors Nru : 71/16 AL

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

1. Illi l-partijiet izzewwgu fis-7 ta' Gunju 2002 (certifikat anness Dok. A), kellhom zewgt ulied minuri msemmija Rhys li llum ghandu ghaxar snin u Russel li llum ghandu seba` snin u sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dr. James Grech tal-5 ta' Ottubru 2015 ; kopja awtentikata tal-kuntratt qed tigi hawn annessa u mehmuza bhala Dok. B ;

2. Illi l-esponent jiddikjara li z-zwieg ta' bejn u bejn martu ghandu jigi mahlul, u jiddikjara wkoll :

   a. Illi ghaddew iktar minn erba` snin tul dawn l-ahhar hames snin minn meta l-partijiet kienu jghixu flimkien ghalhekk ghaddew iktar minn erba` snin minn meta sseparaw *de facto* ;
   b. Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet ;
   c. Illi ser jinzammu l-istess kundizzjonijiet ta' manteniment u ta' kura u kustodja, fir-rigward tat-tfal, kif stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u fl-istess jin l-esponenti jiddikjara illi ma hemm ebda arretrati dovuti sallum fir-rigward tal-manteniment tat-tfal u ma hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet ghall-bzonnijiet personali taghhom ;

3. Illi, ghaldaqstant jissusistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex dina l-Qorti tholl iz-zwieg imsemmi u taghti digriet ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab illi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tholl iz-zwieg tieghu mal-intimata u tiddikjara d-divorzju skont il-ligi, kif ukoll sabiex dina l-Qorti tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Frar, 2016;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla tiddikjara li ma toggezzjonax ghat-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta' Ottubru, 2015 u de facto separati ghal aktar minn erba' snin matul dawn l-ahhar hames snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Ft. Dr Abigail Lofaro
Imhallef

Ft. Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur